Minuti tal-65 (ħamsa u sittin) Laqgħa t'Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' April 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-6.35p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Joseph Farrugia

Wara t-talba tal-bidu, is-Sindku li ppresieda din il-laqgħa t'urġenza għadda għall-uniku materja fuq l-aġenda, l-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2011. Għalhekk talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*Audited Financial Statements* 2011. Waqt li kienu qed jinqraw l-*Audited Financial Statements* 2011, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab biex jikkuntatja lil Johanna Caruana, l-Accountant li kienet tqabbdet mill-Kunsill għal dan ix-xogħol biex tispjega xi ammonti ta' nfiq li l-Kunsill ma kienx ċert minnhom. Għalhekk, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-Kamra biex ikun jista' jikkuntatja lill-Accountant. Meta reġa' daħal fil-kamra, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li hu kien infurmat mill-Accountant li dawk l-ammonti ta' nfiq huma skond kif kienu ġew approvati mill-Kunsill tul is-sena 2011 u anke kif kienu ġew approvati meta ġew ippreżentati l-*Financial Statements* 2011 fi fil-laqgħa tal-20 ta' Frar 2012. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap qal li hu kemm jista' jkun għaref biex jifhem xi jfissru ċerta termini, u semma bħala eżempju l-*public property*, u l-figuri relatati magħhom jekk ma jkunx hemm spjega ta' xi jfissru u ta' x'hiex inhuma. Qal ukoll li jista' jkun li dan id-dokument nirċevuh wara l-4.00p.m. u xi ħadd jistenna li meta jiltaqa' l-Kunsill sagħtejn wara ser ikun ra l-*Audited Financial Statements* 2011 u japprovahom mingħajr ma jkun hemm spjega tagħhom. Is-Sindku qal li l-accounts qed nirċevuhom fl-aħħar minuta u jkollha tissejjaħ Laqgħa t'Urġenza nkella l-Kunsill jiġi mmultat bħal ma ġie s-sena l-oħra, u dan minkejja li kien l-awditur li bgħathom lil Kunsill wara ż-żmien stipulat. Hwa qal li dan ma hux ġust għax il-multa l-poplu tal-Fontana jkun qed ibatiha. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament li nkellmu lil Accountant mill-ġdid biex naraw jekk tistax li jsir kuntatt magħha nhar it-Tnejn 30 ta' April 2012 waqt il-laqgħa tal-Kunsill u tagħti spjega tagħhom. Wara li ġiet ikkuntatjata mill-ġdid, ġie maqbul li l-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2011 tiġi aġġornata għal waqt il-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 30 t'April 2012 biex b'hekk l-Accontant tkun tista' tispjega dan id-dokument.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.05p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555